MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2006

Citazzjoni Numru. 186/2004

**A B**
**Vs**
**C sive DB**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Peress illi l-konvenut mhux qieghed imantni lill-attrici martu u hija mhix f’qaghda li tmantni lilha nnifisha;

Jghid il-konvenut ghaleix din il-Qorti ma ghandhiex;

Prevja d-dikjarazzjoni li C sive DB huwa obbligat li jaghti manteniment lil martu A B, izda mhux qed jaghmel dan, tiffissa l-ammont ta’ alimenti li ghandu jithallas mill-konvenut u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici l-ammont ta’ alimenti hekk iffissat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;
Illi mill-provi akkwisiti jirrizulta li, ghalkemm il-konvenut jghamel xoghol bi qligh bhala driver darbtejn fil-gimgha, l-introitu li huwa jippercepixxi mhuwiex adegwat biex imantni lill-attrici; di fatti, fil-fehma tal-Qorti, l-ammont minnu dikjarat lanqas jibbasta ghal manteniment tieghu nnifsu.

Ghaldaqstant fic-cirkostanzi, it-talba attrici in kwantu hija diretta sabiex il-konvenut jissomministra manteniment lilha bhala martu ma tistax tigi milqugha – *rebus sic stantibus.*

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tichad it-talba attrici; bir-riserva tad-dritt tal-attrici li, fil-kaz li l-konvenut jibda jahdem regolarment bi qligh, hija tkun tista’ terga’ tipproponi azzjoni gdida.

L-ispejjez jinqassmu wgwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------